- *SEPARAZZJONI; ARTIKOLU 40 KAP 16 –*
- *KURA U KUSTODJA -*
- *ARTIKOLU 48 u 50 TAL-KAP 16 –*
- *INTERESS TAL-MINURI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 66**
**Citazzjoni Numru: 1437/01/RCP**

**Rosanna Spagnol**

**vs**

**Thomas Spagnol**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fis-16 ta' Dicembru 1994 (Dok. "B"), minn liema zwieg il-konjugi Spagnol kellhom zewg ulied, li huma Luke ta' 6 snin (Dok. "C") u Kenny ta' 3 snin (Dok. "D");

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba li l-konvenut rrenda ruhu hati ta' abbandun, eccessi, mohqrija, theddid, u ngurji gravi versu l-attrici;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet flimkien saret impossibbli htija esklussiva tal-konvenut, u b'hekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni kontenzjuza permezz ta' Digriet tas-Sekond' Awla numru 451/2001, hawn anness bhala dokument "E", permezz ta' liema Digriet l-attrici giet appuntata kuratrici *ad litem* ta' l-imsemmija wlied minuri.

Illi l-istess attrici talbet lil dina l-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut, u ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili** tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro*;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti **skond Artikolu 55 tal-Kodici Civili;**

4. Tillikwida u taqsam il-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet, wiehed li jigi assenjat lill-attrici u wiehed li jigi assenjat lill-konvenut, u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fid-dawl ta' l-**artikolu 48 subinciz (1) (c) u tal-artikolu 53 tal-Kodici Civili;**

5. Tawtorizza lill-attrici tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali taghha;

6. Tqieghed lill-minuri Luke u Kenny fil-kura u kustodja ta' l-attrici;

7. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedhom minuri Luke u Kenny, a tenur ta' **artikolu 54 tal-Kodici Civili**, liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga u sessegwentement mill-pensjoni tal-konvenut.

8. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu elenkati **f'artikolu 48 subinciz (1) tal-Kodici Civili,** u jekk ikun il-kaz bl-applikazzjoni ta' **artikolu 51 ta' l-istess Kodici Civili**;

9. Tawtorizza lill-attrici u wliedha biex *ai termini* tal-**artikolu 55A tal-Kodici Civili** jirrisjedu fid-dar matrimonjali li prezentement iggib l-indirizz 18, Triq il-Lvant, Zejtun.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat li minkejja li gie notifikat fl-4 ta' Jannar 2002, il-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda nota t'eccezzjonijiet, u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbal tal-4 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tal-10 ta' April 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' tletin (30) gurnata kull wiehed. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet ghad-19 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota tal-attrici Rosanna Spagnol datata 31 ta' Mejju 2002 fejn biha pprezentat l-affidavit taghha stess flimkien ma' xi dokumenti ohra.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 2002 fejn il-konvenut mistoqsi mill-Qorti ddikjara li llum il-gurnata ma jahdimx u jinsab jirregistra. Il-partijiet qablu li m'hemm xejn fil-komunjoni tal-akkwisti u li l-mobbli formanti parti mill-proprjeta' parafernali gew assenjati. Il-partijiet qablu li bhalissa qed jiftehmu dwar l-access tal-minuri b'dan li sal-5:00 p.m. it-tfal ghandhom ikunu d-dar t'ommhom. Dr. Leslie Cuschieri rrinunzja ghad-disa' talba. Il-kawza giet differita ghall-lum 27 ta' Gunju 2002 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici ltaqghet mal-konvenut meta kellha sbatax-il sena (17) u wara sena u xahrejn flimkien harget tqila, u wara erba' (4) xhur izzewgu u marru joqoghdu d-dar tal-genituri tal-attrici, pero' l-attrici waqfet tahdem biss wara seba' (7) xhur ta' tqala, mentri l-konvenut ftit li xejn hadem, tant li l-ispiza ta' kuljum kienet tithallas mill-genituri taghha u gieli ghenu l-genituri tal-konvenut.

Illi ghall-ewwel l-konvenut kien johrog kuljum sal-10.00.p.m. u wara li harget tqila ghat-tieni darba, beda johrog u jdum barra sal-erbgha ta' fil-ghodu (4.00.a.m.); *nonostante* l-ilmenti tal-attrici l-istess konvenut baqa' jaghmel l-istess

sakemm f'Marzu 1998, qaltlu li jekk ser jibqa' jaghmel hekk kien ser ikollu jitlaq 'il barra, u dak il-hin stess kiesah u biered telaq 'il barra, u hekk baqa' anke meta twieled it-tieni tifel, Kenny.

Illi l-attrici spjegat li s-sitwazzjoni baqghet l-istess sa llum ghalkemm imur id-dar biex johrog it-tfal, u dwar access qatt ma kien hemm problema ghalkemm qatt ma mantna la lilha u lanqas lil uliedu.

Illi mill-istess provi jirrizulta li fil-fatt il-konvenut ma jahdimx, u wkoll li ma hemm xejn fil-komunjoni u l-proprejta' parafernali tal-attrici gja giet moghtija lura lilha u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fl-isfond ovvjament tal-istess provi, li ma huma bl-ebda mod kontestati, u li l-firda sehhet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut *stante* li l-istess konvenut rrenda ruhu hati ta' abbandun, eccessi, mohqrija, theddid, u ngurji gravi versu l-attrici b'dan li l-hajja konjugali bejn il-partijiet flimkien saret impossibbli htija esklussiva tal-konvenut, u b'hekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** kif hawn biss premess, b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut, u ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili** tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda bhala dik tal-31 ta' Marzu 1998.

(2) Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro*;

(3) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti **skond Artikolu 55 tal-Kodici Civili;**

(4) Tiddikjara li ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz fl-istess komunjoni *stante* li ma kien hemm xejn ta' valur komponenti l-istess.

(5) Tastejni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li jirrizulta li l-attrici gja' rriprendiet l-pussess tal-beni parafernali taghha;

(6) Tqieghed lill-minuri Luke u Kenny fil-kura u kustodja ta' l-attrici b'dan li l-istess konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri skond il-ftehim li jista' jezisti minn zmien ghal zmien bejn l-istess partijiet, u dejjem bil-kunsens tal-attrici, u b'dan ukoll li kull access ghall-istess minuri favur il-konvenut ghandu jigi terminat fil-5.00.p.m. f'liema hin l-istess minuri dejjem ghandhom jigu ritornati fir-residenza tal-attrici, u dan l-access qed jigi stabbilit b'dan il-mod

*stante* d-dikjarazzjoni tal-attrici fl-affidavit taghha li *'problemi dwar il-kustodja tat-tfal qatt ma kellna' .*

(7) Illi din il-Qorti tastjeni milli kif mitluba mill-attrici taghti ordni sabiex l-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedhom minuri Luke u Kenny, a tenur ta' **artikolu 54 tal-Kodici Civili**, liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga u sessegwentement mill-pensjoni tal-konvenut, u dan peress li jirrizulta li l-konvenut ma jahdimx u lanqas m'ghandu ebda introjtu, ghalkemm certament l-attrici u l-minuri ghandhom dritt ghal tali manteniment.

(8) Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu elenkati **f'artikolu 48 subinciz (1) tal-Kodici Civili,** bl-applikazzjoni ta' **artikolu 51 ta' l-istess Kodici Civili**;

(9) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li b'verbal tad-19 ta' Gunju 2002 l-attrici *tramite* d-difensur taghha astjeniet minn din it-talba sabiex tawtorizza lill-attrici u wliedha biex *ai termini* tal-**artikolu 55A tal-Kodici Civili** jirrisjedu fid-dar matrimonjali li prezentement iggib l-indirizz 18, Triq il-Lvant, Zejtun, u din l-astensjoni saret peress li tali fond huwa r-residenza tal-genituri taghha ma' min hija tabita.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002**